



Brussell, 3 ta' Marzu 2026
(OR. en)

6771/26

Fajls Interistituzzjonali:
2025/0381 (COD)
2025/0382 (COD)
2025/0383 (COD)

EF 49
ECOFIN 263
CODEC 325
ECB

NOTA

minn: Presidenza
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Pakkett dwar l-Integrazzjoni tas-Suq u s-Superviżjoni
- Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni ta' Marzu 2025 dwar l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) twieġeb direttament għall-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew f'April 2024 u f'Marzu 2025 għal progress rapidu u deċiżiv fil-mobilizzazzjoni tat-tfaddil privat fl-ekonomija reali u fit-tnaqqis tad-diskrepanza strutturali fl-investment tal-Unjoni. Filwaqt li tibni fuq l-analiżi tar-rapporti ta' Letta u ta' Draghi, l-SIU hija ppożizzjonata bħala mutur strateġiku importanti tat-tkabbir, il-kompetittività u r-reżiljenza fit-tul tal-Ewropa.
2. Billi tapprofondixxi u tintegra s-swieq kapitali, l-SIU għandha rwol ewlieni fl-isforzi tal-UE biex ikollha swieq kapitali li jkunu aċċessibbli għaċ-ċittadini u għan-negozji madwar l-Unjoni, għall-benefiċċju tal-Istati Membri kollha. Ser tgħin ukoll biex jiġi mobilizzat it-tfaddil privat b'appoġġ għall-ħtiġijiet ta' investment strateġiku tal-UE u b'hekk jissaħħu l-kompetittività, l-awtonomija strateġika u s-sigurtà ekonomika.

II. SITWAZZJONI ATTWALI FIL-KUNSILL

3. Wara l-adozzjoni inizjali mill-Kummissjoni tal-Pakkett dwar l-Integrazzjoni tas-Suq u s-Superviżjoni (MISP) fl-4 ta' Diċembru 2025, l-ewwel diskussjoni fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma saret fil-15 ta' Diċembru 2025, u pprovdiet il-forum għall-Kummissjoni biex tiddekrivi b'mod komprensiv il-proposti tagħha flimkien mal-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha, u ppermettiet lill-Istati Membri jkollhom l-ewwel skambju tagħhom dwar l-arkitettura ġenerali tal-pakkett.
4. Fil-15 u s-16 ta' Jannar 2026 tlaqqgħet diskussjoni oħra biex il-proposti jkomplu jiġu eżaminati bħala unità sħiħa koeżiva, peress li l-Presidenza biħsiebha tittratta l-MISP bħala pakkett. Fid-19 u l-20 ta' Frar 2026 sar it-tielet Grupp ta' Ħidma, li ddedika s-sessjonijiet tiegħu għal rieżami fil-fond tal-ġestjoni tal-assi u l-emendi tar-Reġim Pilota tat-Teknoloġija ta' Reġistru Distribwit (DLT) rispettivament. Imbagħad sar ir-raba' Grupp ta' Ħidma fl-4 u l-5 ta' Marzu 2026, li ppermetta lid-delegazzjonijiet jidħlu speċifikament fil-qalba operazzjonali tar-regoli tan-negozjar u ta' wara n-negozjar. Matul dawn l-iskambji, l-Istati Membri ġew mistiedna jaqsmu l-fehmiet preliminari tagħhom u jidentifikaw kwistjonijiet ewlenin li jeħtieġu kjarifika. Il-Kummissjoni pprovdiet spjegazzjonijiet u aktar informazzjoni fejn mitluba, li ppermettew eżami tekniku kostruttiv u ffukat tad-diversi komponenti tal-pakkett.

5. Meta wieħed iħares 'il quddiem, ġiet stabbilita skeda strutturata u ambizzjuża. Fit-30 u l-31 ta' Marzu, il-Grupp ta' Ħidma ser jiddiskuti l-bidliet proposti mill-Kummissjoni għar-Regolament ta' twaqqif tal-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).
6. Fil-livell politiku, l-irtir tal-mexxejja fit-12 ta' Frar mmarka s-sens ta' urġenza li jsir progress rapidu fl-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU) bħala faċilitatur orizzontali li ser johlq ekosistema ta' finanzjament għall-benefiċċju tal-investimenti fl-oġettivi strateġiċi tal-UE. Fil-Kunsill Ewropew li jmiss f'Marzu, il-Kummissjoni ser tippreżenta pjan direzzjonali "Ewropa Waħda, Suq Wieħed", li fih pjan ta' azzjoni biex jiġi approfondit is-Suq Uniku u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE.

Fid-dawl tal-oġettiv politiku kondiviż li jsir progress tanġibbli taħt l-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, il-Presidenza tejbet l-ippjanar tagħha billi skedat laqgħat addizzjonali tal-Grupp ta' Ħidma. Dan l-ippjanar huwa maħsub biex jappoġġa progress prammatiku u kostanti fl-elementi kollha tal-pakkett. Matul perjodu ta' tliet xhur, ser ikunu saru madwar għaxar laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma, li jirriflettu l-impenn tal-Presidenza li żżomm il-momentum b'mod bilanċjat u kostruttiv, filwaqt li tiżgura żmien suffiċjenti għal eżami tekniku bir-reqqa.

7. F'dan ir-rigward, il-Presidenza tagħti prijorità politika għolja lill-avvanz tal-aġenda tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti u tippermetti li jkun jista' jsir progress tanġibbli fl-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, f'konformità mal-oġettivi tal-kompetittività u tas-Suq Uniku tal-UE. Il-Presidenza tinsab lesta li tagħmel progress deċiżiv fl-elementi kollha tal-pakkett, inkluż billi tiffoka fuq riżultati tekniċi konkreti, sabiex tavvanza n-negozjati dwar l-MISP bħala parti mill-aġenda usa' tal-SIU.

III. MISTOQSIJET GĦALL-MINISTRI

8. F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jikkonċentraw fuq il-mistoqsijiet li ġejjin:

- *Sabiex jiġi ppreżentat progress tanġibbli lill-Kunsill ECOFIN ta' Ġunju, il-Ministri kif jivvalutaw l-approċċ tal-Presidenza u t-triq 'il quddiem, inkluż l-iskeda msaħħa tal-Grupp ta' Ħidma?*

- *Liema riformi fi ħdan l-MISP, ikunu l-aktar effettivi biex jimmobilizzaw it-tfaddil fit-tul u jidderiġuh lejn investment produttiv? F'dan il-kuntest, il-Ministri liema partijiet tal-MISP identifkaw bħala li jqajmu aktar kwistjonijiet jew li jeħtieġu kjarifiki jew aġġustamenti?*